# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 466/97

Emanuel Portelli

vs

Commanding Officer AFM u b' digriet tal-20 ta' April 1999 giet korretta ghal Kap Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 7 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li gie mcahhad minn promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien dahal jahdem mal AFM fl-1970 meta kien qaleb minn mal-RMA bir-rank ta' Lance Bombardier.

Fl-1992 meta hu kien ilu jokkupa r-rank ta' Staff Sargeant fil-Maritime Squadron minn Marzu tal-1983 kienu hargu promozzjonijiet ghar-ranks kollha.

Hu kien jikkwalifika ghall-promozzjoni ghar-rank ta' Warrant Officer 2. Din il-promozzjoni ma hadiex.

Din il-promozzjoni nghatat lil xi whud li ma kellhomx seniority daqsu u li kellhom l-istess kwalifiki bhal tieghu.

Ghaldaqstant huwa hass li kien gie maqbuz ingustament u li kienet saret diskriminazzjoni kontra tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghall-Warrant Officer 2 bl-arretrati b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 billi minhabba f' hekk kien gie mtellef l-Efficiency Bar ta' Warrant Officer Class I li nghatat f'Marzu tal-1996, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma

jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f' ammont ta' Lm5000 (hamest elef lira).

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi primarjament ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(4) ta' l-Att VIII tal-1997 fir-rigward ta' xi att jew omissjoni allegat mir-rikorrent jidher li qieghed jilmenta dwar il-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992.

Illi ghalkemm ir-rikorrent qieghed isostni li hu kien ikkwalifikat ghall-promozzjoni ta' Warrant Officer II fiz-zmien li gew moghtija l-promozzjonijiet imsemmija fil-1992, dan m'ghandux jiftiehem li tali kwalifikazzjoni taghti lir-rikorrent xi dritt sagrosant li jigi moghti bilfors il-promozzjoni li jmiss ghaliex il-promozzjonijiet fl-armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien skond il-kriterji msemmija fil-paragrafu precedenti u ghaldaqstant dak

allegat mir-rikorrent wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi dak allegat mir-rikorrent cioe` li xi whud li kellhom seniority inqas mir-rikorrent filwaqt li kienu kkwalifikati daqs ir-rikorrent ma jirrizultax korrett ghaliex dawn kien ikkwalifikati aktar mir-rikorrent.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessa fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu fir-rigward ta' xi allegazzjoni li r-rikorrent jista' qieghed jirreferi ghaliha qabel iz-zmien tal-applikazzjoni ta' l-Att u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-<u>rikorrent</u> ipprezenta affidavit fejn qal li kien ilu jokkupa l-kariga ta' Chief Clerk fil-Maritime Squadron mill-1981. Semma

li fl-1992 ha l-"Long and Efficient Service Medal" bhala rikonoxximent ta' l-efficjenza tieghu. Kompla jghid li l-promozzjoni haduha nies li kienu warajh fis-seniority. Ftit qabel il-promozzjoni kien baghat ghalih it-Tenent Kurunell u qallu li kien ser isir ghax kellu r-rekwiziti kollha mehtiega. Zied jghid li ma giex kunsidrat ir-requisite tal-1st Class Education u li kienu gew promossi suldati bil-1st Class, bis-2nd Class u anke bit-3rd Class Education. Gew promossi erbgha suldati juniors tieghu. Tlett ijiem qabel ma hargu l-promotions kien baghat ghalih il-Kurunell Cini u qallu li ser jaghmlu WO2 u hu kien irringrazzjah.

Xehed Lt. Col. Schembri li esebixxa kopja ta' confidential report tar-rikorrent li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Marzu 1989 sat-28 ta' Frar 1990. Fih hemm ir-rakkomandazzjoni li r-rikorrent huwa "well above the standard required to his rank and service." Fid-dokument hemm ukoll rakkomandazzjoni bil-miktub li hija tajba hafna maghmula mill-Officer Commanding tal-Maritime Squadron Major George Cini.

Esebixxa l-iskeda li turi l-promozzjonijiet li saru b' effett mill-20 ta' Jannar 1990 mir-rank ta' Staff Sargeant ghar-rank ta' Warrant Officer 2 fl-ewwel regiment. Isem ir-rikorrent irid jidhol fejn hemm il-vlegga bil-blue. Din qieghda indikattiva li kieku kien jiehu l-promozzjoni fejn kien jidhol. Huwa veru li rrizulta li l-Kurunell Cini kien irrakkomanda lir-rikorrent u li anke Lt. Col. Gaffiero kien endorsjaha. Il-confidential report tar-rikorrent instab izda tal-ohrajn ma nstabux. Fl-1992 l-kriterji ghall-

promozzjoni kienu l-istess bhal tal-lum. Illum huma efficjenza, seniority, qualifications, vacancy u siutability to fill that vacancy.

Zied jghid li r-rikorrent gie maqbuz minn Thomas Briffa li kien Aircraft Technician fl-Air Squadron, minn George Zammit li kien qieghed fl-Operations Centre tal-1st Regiment, minn Carmelo Grech li kien Advanced Master fil-Maritime Squadron u minn Anthony Agius li kien Advanced Master fil-Maritime Squadron, u ghalhekk l-ahhar tnejn kienu qeghdin fil-Maritime Squadron. Ir-recommendations tal-Kurunell Cini ma sabhom imkien u ghalhekk ma setax jghid min kien rakkomandat l-ewwel.

Il-Kurunell George Cini xehed li kien ghamel zmien Commanding Officer tal-Maritime Squadron u Officer Commanding tal-1st Regiment. Qal ukoll li fil-promozzjonijiet tal-1992 kien ghamel numru ta’ rakkomandazzjonijiet, kellu xi 3 jew 4 postijiet x’ jirrakkomanda u fil-fatt lil Portelli kien poggieh l-ewwel wiehed fir-rakkomandazzjoni tieghu. Qal li ghalkemm kien rakkomandat minnu izda bhala stat ta’ fatt ma kienx sar, hija decizjoni tal Head Office u l-Head Office ghalih ma baghatx. Jiftakar li s-Sur Portelli kellu ir-rank ta’ B2 Clerk. Dwar Staff Sargeant Agius 719 qal li kellu xi erbgha sa hamsa qualifications, u dan kien wiehed minn dawk l-erbgha rakkomandati minnu.

Xehed il-Brigadier Maurice Calleja li qal li fl-1992 kien Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta. Spjega li dwar il-promotion exercise tal-1992 waqt d-drinks tal-Milied fl-Armata cempillu s-Segretarju tal-Prim Ministru li qallu li l-Prim Ministru

jrid malajr ir-rakkomandazzjonijiet. Ghalhekk kien ghajjat lill-Commanding Officers u spjegalhom il-bzonn tar-rakkomandazzjonijiet. Dwar ir-rikorrent qal li jaf kollox tajjeb fuqu fis-sens li kien bniedem onest, habrieki, u ma jaf xejn kontra tieghu. Dwar li r-rikorrent gie maqbuz ikkumenta li ohrajn li qabzuh kellhom education bhalu izda bhala kwalifiki kellhom aktar minnu, waqt li hu kellu l-B2 biss. Zied jghid li hu kien joqghod fuq il-Commanding Officer li fil-kaz tar-rikorrent kien il-Kurunell Cini.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Fid-9 ta' Frar, 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 5 (4) tal-Att VIII tal-1997.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-

Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Minn ezami tal-iskeda prezentata mill-intimat jirrizulta li erba’ qabzu lir-rikorrent. Izda r-rikorrent kellu Class II Education waqt li tlieta minnhom kellhom Class I. Jifdal biss Anthony Agius li bhar-rikorrent kellu Class II. Izda fil-waqt li r-rikorrent kellu biss CLK B2, Agius kellu hames trades li tlieta minnhom superjuri ghal tar-rikorrent u l-ohra bhala. Veru li jidher li r-rikorrent kien kapaci, efficjenti, u habrieki u fil-fatt kien rakkomandat; irrizulta li anke Agius kien rakkomandat. Fil-fehma tat-Tribunal f’dan il-kaz ma gietx pruvata l-ingustizzja li tirrikjedi l-ligi u ghaldaqstant jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.